MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Numru. 147/2005

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Abigail Bugeja ta’ 17-il sena imwielda Pieta’ fis-16 ta’ Ottubru, 1986 bint il-mejjet John u Deborah nee Camilleri residenti Block 1 Door B Flat 4 Triq Francesco Balbi Ta’ Giorni detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 475186(M).

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta’ l-Avukat Ġenerali tat-2 ta’ Mejju 2005 (fol 2), iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputata li jġib in-numru 4751 tas-sena 1986; l-istqarrijiet ta’ l-imputata li jinsabu a fol 9 sa 12; id-dikjarazzjoni magħmula mill-prosekuzzjoni li l-imputata għandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta; ir-relazzjoni ta’ l-ispiżjar Mario Mifsud; ir-relazzjoni ta’ PS 659 Jeffrey Hughes; l-envelope kannella kontenenti oġġetti li kienu fil-portmoney ta’ Abigail Bugeja u li huma mmarkati bhala Dok JH2; il-vera kopja ta’ *proces verbal* redatt mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman esebit fil-kawża ‘Il-Pulizija vs Tarek Mohammed Abou

Mehdi' a fol 53 u li kien fih ix-xhieda mogħtija minn Abigail Bugeja fl-14 ta' Marzu 2006; id-dikjarazzjoni magħmula mill-Avukat Difensur a fol 71 jiġifieri li r-relazzjoni mmarkata Dok JH li tinsab a fol 31 li kienet diġa kkonfermata bil-ġurament minn PS 659 ma kienx hemm necessita li din ir-relazzjoni tiġi kkonfermata wkoll minn PS 602; ir-rapport mill-uffiċjali tas-Sedqa ppreżentat fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2007.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur

Ikkonsidrat

Illi fit-12 ta' Marzu 2004 il-pulizija kellha informazzjoni li l-imputata kienet sejra tirtira xi droga li l-pulizija ma kinitx sabet wara li għamlet tfittxija lil Mohammed Tarek ġewwa l-lukanda San Ġorġ ta' Paceville. Il-pulizija marru fl-inħawi tal-lukanda San Ġorġ u stennew lill-imputata toħroġ biex jagħmlulha perkwisizzjoni. Meta ħarġet saret tfittxija u fil-portmoney li kellha f'idejha instabet sustanza kannella suspettata raża tal-cannabis. Kienet saret inkjesta mill-Maġistrat Inkwerenti Dr. Miriam Hayman. Fix-xhieda tiegħu l-ispettur qal li meta kien kellimha fit-13 ta' Marzu kienet ċaħdet u nnegat kollox pero wara, fuq parir ta' l-avukat tagħha, hija qalet illi kienet marret fuq inkarigu ta' l-għarus tagħha Mohammed Tarek Abou Mehdi sabiex ġġib dik is-sustanza mill-cupboard tal-kċina ta'din il-lukanda fejn kienet moħbija.

<u>Stqarrijiet ta' l-imputata</u>

Dik li tidher a fol 11 saret fit-13 ta' Marzu 2004. Hija kienet nnegat li kienet raqdet f'room 104 San Gorg Hotel u qalet li hi ma kinitx rieqda fuq is-sodda iżda bil-qegħda fuq is-sodda. Hija qalet li kienet marret tieħu kafe fil-Hotel San Ġorg. Qabel kienet marret tara lil Tarek il-ħabs u qalet illi barra li ħadet il-kafe ma kienet għamlet xejn iktar. Hija qalet li kienet daħlet tagmel il-kafe hi għax meta Tarek kien joqgħod hemm, fl-istess lukanda, kienu jidħlu

jieħdu kafe minn hemm. Hija caħdet li s-sustanza li kienu sabu l-pulizija kienet tagħha. Fil-fatt qalet illi qabel ma daħlet tiehu l-kafe kienet ħalliet il-wallet fuq mejda ħdejn il-mejda tar-reception u wara li ħadet il-kafe, ħarġet u ħadet il-wallet u ma qgħaditx tara x'kien fih. F'din l-istqarrija qalet li ħadd ma kien qabbadha biex tmur tiġbor ir-raża u li hi qatt ma kienet użat xi droga.

Fit-tieni stqarrija tagħha magħmula fit-23 ta' Marzu 2004 hija qalet li kienet marret għand l-ispettur Norbert Ciappara biex tkellmu wara parir ta' l-avukat tagħha. Hija qalet li kienet marret tara lil Tarek ġewwa l-ħabs. Tarek kien qalilha biex tmur fil-kcina tal-lukanda San Ġorg li hemm ħdejn Għall-Kafe u ġġiblu oġġett minn hemm. Huwa kien qalilha titla' fuq is-siġġu u imbgħad tiġbed l-oġġett. B'dan l-oġġett kellha tmur ħdejn il-Wembley u hemm hekk kellu jersaq persuna li jismu Hayre. Tarek kien qalilha biex tagħtih dan l-oġġett. L-oġġett kienu qabduh il-pulizija. A fol 10 hija qalet 'U hekk kif jiena rajtu twerwirt u ridt neħles minnu għax kont indunajt x'kien' (fol 10). Hija kienet kellmet lir-receptionist, daħlet fit-toilet u rat il-bieb tal-kcina magħluq. Imbgħad deher ħabib ta' Tarek u talbitu jiftaħ il-bieb tal-kcina. Effettivament kien dan Mohammed li ġab l-oġġett għaliex l-imputata ġġebbdet iżda ma setgħetx tilħqu. Hi qalet li ma kinitx taf illi Tarek kellu d-droga.

<u>Prova forensika</u>

L-ispiżjar Mario Mifsud stabbilixxa illi kien hemm ammont ta' 95 gramma ta' raża tal-pjanta cannabis u li kellha sustanza f'ammont ta' circa 9.45% (fol 17).

PS 659 Jeffrey Hughes qal li kien ta il-blokka lill-ispiżjar Mario Mifsud fis-16 ta' Marzu 2004 li nstabet fuq il-persuna ta' Abigail Bugeja fi speci ta' plastic trasparenti, f'waħda mill-kompartamenti ta' purse ta' lewn iswed. Din kienet fejn hemm cavetta marbuta b'key chain celesti bil-kliem 'Destroy'.

Mir-ritratti jidher illi l-blokka suspettata cannabis li ngħatat lill-ispiżjar Mario Mifsud hija imgeżwra fi plastic trasparenti.

WPC 86 Diane Fenech kkonfermat li kienet għamlet tfittxija fuq l-imputata flimkien ma PS 1086 Micallef u fil-portmoney iswed kellha nofs raza suspettata tal-cannabis. Il-wallet kien f'idejn l-imputata.  Il-wallet lanqas kien jingħalaq biha.

Xehed ukoll PC10 Trevor Cassar Mallia li qal li kienu marru ħdejn il-lukanda St. George's Hotel u l-imputata ġiet xi 10 jew 15-il minuta wara (fol 44). Kienu marru fuqha WPC86 u PS1086. Dawn kienu sabu bicca sustanza kannella suspettata raża tal-cannabis.

Xehdet l-imputata Abigail Bugeja li qalet li dak inhar tat-12 ta' Marzu 2004 kien qabbadha Tarek biex iġġiblu oġġett mil-lukanda u hi ma kinitx taf x'inhu.  Hu kien qalilha biex tmur iġġiblu oġġett mil-lukanda San Ġorg.  Tarek kien il-ħabs meta qalilha tagħmel dan.  Hu qalilha għandi oġġett fil-kcina tal-lukanda u għal hekk mur u ġibu.  Wara l-vizta ezatt marret u ħadithu.  Hija kellha tagħtih lil persuna ħdejn il-Wembley li kien jismu Hayri.  Hija kienet daħlet mill-bieb tal-kcina u kien ħaddiehor li ġab l-oġġett u tahulha f'idejha. Wara qabduha l-pulizija.  L-Għarbi li kien ġab l-oġġett kien jismu Mohammed.    L-oġġett kien naqra twil u ohxon.  Hi ma kinitx fetħitha biex taraha.

Xehed ukoll PS1086 Johann Micallef. Huwa qal li ghal xit-3.30pm tat-12 ta' Marzu 2004 kienu osservaw lill-imputata dieħla ġewwa l-lukanda u xi 10 minuti jew kwarta wara ħarġet.  Kienu marru fuqha hu u WPC 86 għax PC10 kien fil-vettura. F'idejha kellha wallet li ma riditx tagħtihulhom, wallet iswed b'bicca raza suspettata tal-cannabis li kienet tidher minn barra tal-wallet.  Dan ix-xhud għaraf ir-ritratti kif wkoll il-wallet.

Xehdet wkoll WPC86 Diane Fenech li qalet illi l-wallet kien instab f'idejn l-imputata u b'dik is-sustanza suspettata raża ma kienx jingħalaq.  Hija għarfet il-wallet illi kien fir-ritratti.

L-imputata imbgħad xehdet fis-7 ta' Mejju 2007. Hija kienet xehdet fil-każ kontra Tarek Mahmoud Abou Mehdi fl-14 ta' Marzu 2006. Hawn hekk inqrat lill-imputata l-istqarrija illi kienet għamlet hi stess waqt li kienet qed tixhed jiġifieri id-deposizzjoni li kienet għamlet fil-process imsemmi. A fol 75 hija qalet li kien qabbadha Tarek biex iġġib oġġett mil-lukanda u hi ma kintix taf x'inhu. Tarek kien il-ħabs u kien indikalha li l-oġġett kien fil-kcina. Wara l-vizta marret u ħadithu u kellha tagħtih lil persuna li kien ser ikun ħdejn il-Wembley. L-oġġett kien ġabulha wieħed Għarbi li hi kienet taf ismu iżda mhux kunjomu. Imbgħad qabduha tas-CID. Il-ħaġa li kien taha kienet twila hafna u naqra ħoxna u kienet imgeżwra f'xi ħaġa. Iż-żwieġ tagħha ma kienx reġistrat fil-public registry iżda kienet żżewġet bir-rit musulman. Dak iz-zmien kellha 17-il sena. Hija qalet li ma kinitx taf għal xiex kienet sejra dak inhar fil-lukanda San Ġorg. L-Għarbi l-ieħor kellha tiltaqa' miegħu ħdejn il-Wembley. Tarek kien daħal il-ħabs xi għaxart ijiem qabel ma qabduha l-pulizija. Hija qatt ma kienet pejjpet ħaxixa u kellha baby li dak iż-żmien kellu 4 xhur (fol 80). Dan Tarek kien għamel ħafna reati.

Il-pulizija kienu arrestawha meta kienet għamlet tliet passi barra il-Hotel San Ġorg. Hi lanqas biss kienet indunat għax qabżu fuqha u qalulha 'ieqaf u agħtina l-wallet.'

<u>Trattazzjoni</u>

Fit-trattazzjoni, id-difiża ssottoemttiet li l-imputata la kienet tixrob, la tpejjep u lanqas kienet tieħu drogi. Hija kienet immatura u manipulata **u ma kenitx taf x'kellha fil-pussess tagħha.**

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-atti huwa ampjament ippruvat li l-cannabis f'ammont ta' 95 grammi kien fil-pussess ta' l-imputata. Diversi xhieda kkonfermaw bil-ġurament li l-oġġett kien f'wallet li lanqas seta' jingħalaq u li dan ittieħed minn idejn l-imputata malli ħarġet mil-Lukanda. Kif qalet hi stess

lanqas kienet indunat bil-pulizija għax qabżu fuqha mill-ewwel.

Jirriżulta wkoll li l-imputata kienet marret il-lukanda biex tiġbor pakkett kif kien qalilha Tarek u li dan il-pakkett kellha tgħaddih lill-persuna oħra li kien indikalha l-istess Tarek. L-oġġett kellu jispiċċa għand din it-tielet persuna ħdejn il-Wembley store.

Il-qofol ta' dan il-każ huwa jekk l-imputata kenitx taf x'kellha f'idejha.

Il-Qorti hija konvinta li l-imputata kienet taf x'għandha f'idejha għal dawn ir-raġunijiet:

(a) Fl-istqarrija tagħha tad-29 ta' Marzu 2004, sbatax-il jum wara li kienet inqabdet bil-pakkett, u wara li ħadet parir minn għand l-avukat tagħha hija qalet:

'Mistoqsija kif kont naf li kien l-oġġett li Tarek qalli biex nagħti lil Hairi ngħid illi fejn kien l-oġġett ma kien hemm xejn aktar u hekk kif jiena rajt twerwirt u ridt neħles minnu għax kont indunajt x'kien.' (fol.10)

(b) Kif jidher mir-ritratt fir-relazzjoni Dok JH a fol.31, (04 ASJ 01) l-oġġett kien imgeżweer f'foil trasparenti u għalhekk kien jidher sew x'inhu. L-imputata kienet diġa' twerwret meta ratu. Dan ġara għaliex il-cannabis ma kenitx imgezwra f'xi għata ħoxna li b'xi mod setgħet tkun ta' ostaklu biex dak li jkun ma jkunx jaf x'hemm. Bil-maqlub ma kien hemm ebda diffikulta' biex l-imputata tara l-oġġett li kien talabha ġġib Tarek.

(ċ) Huwa sinifikanti wkoll li l-imputata marret fittxet tiġbor l-oġġett eżatt wara l-vista fil-ħabs li kienet għamlet lill-istess Tarek biex tkun tista' tgħaddih lil ħadd ieħor malajr kemm jista' jkun skond l-ordnijiet li kien ta.

(d) Ftit tista' temmen li l-imputata ma kenitx taf x'fih il-pakkett mhux biss minħabba r-raġunijiet (a), (b) u (ċ) iżda wkoll għax mix-xhieda tagħha jirriżulta wkoll li kienet taf li

Tarek kellu diversi reati  fosthom li 'kien inqabad b'joint u passaport falz.'

(e) Il-fatt li l-oġġett kien f'idejn l-imputata mhux xi sinjal ta' innoċenza.  Effettivament kien fil-wallet li ma setax jingħalaq minħabba d-daqs ta' l-oġġett.  L-imputata, kif xehdet hi stess, ma kenitx tistenna lill-Pulizija eżatt kif ħarġet mil-Lukanda.

Għalhekk jirriżulta biċ-ċar li l-imputata kienet fil-pussess tad-droga cannabis, li hi kienet taf li l-oġġett kien fih id-droga cannabis, li d-droga ma kenitx għaliha personali kemm minħabba l-ammont involut u għaliex kienet taf li hi kellha tikkonsenja l-pakkett lil terza persuna.  Fuq kollox m'hemm ebda prova li l-imputata  kienet xi drug addict..

L-immaturita' mhix skuża legali u fl-atti ma tidher ebda manipulazzjoni li b'xi mod tirrafigura taħt id-difiża kkontemplata fil-liġi fl-artikolu 33(b) tal-Kap 9 kif maġistralment interpretata mill-Qrati tagħna.[1]

[1] Il-Qorti hawn qed tirreferi għall-każ deċiż fit-13 ta' Settembru 2001 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Richard Gauci' fejn il-Qorti kienet qalet li biex tirnexxi d-difiża jikkonkorru dawn ir-rekwiżiti:

(a) Forza barranija fis-sens li ġejja minn ħadd ieħor u trid tkun tali li minħabba fiha bniedem ma jkunx responsabbli għal dak li jagħmel.  Trid tkun forza barranija li tinnewtralizza kompletament il-volonta' tal-bniedem, li twasslu jew iġġiegħlu jagħmel xi ħaġa kontra l-volonta' tiegħu, ħaġa li fin-normalita' tal-ħajja ma kienx altriemnti jagħmel;
(b) Trid tkun forza barranija li qed issir fuq bniedem mhux biss qabel m'hu jagħmel dak li jiġi mġiegħel li jagħmel kontra l-volonta' tiegħu, iżda trid tkun eżistenti fil-wat li hu qiegħed effettivament iwettaq dak l-għamil;

(ċ) Din il-forza barranija ġejja minn ħadd ieħor trid tkun irreżistibbli.  Dan ifisser mhux biss li dak li jkun ma jfittixx jew ma jipprovax li jirreżistiha, mhux biss dak li jkun ma jaħgmilx l-iċken sforz biex jeħles minn dik il-forza barranija biex ma jasalx jagħmel dak li qed jiġi sfurzat jagħmel, iżda trid neċessarjament tkun forza barranija li bniedem bla ebda mod ma jista' jiqfilha, jirreżistiha, jeħles minnha.  Trid tkun forza barranija, għalhekk, li bniedem verament ma jistax jirreżisti, u mhux xi forza li ma jipprovax jirreżisti.  Fi kliem il-Professur Mamo, trid tkun forza truly irresistible and not merely unresisted.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputata.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 37 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontriha.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li l-ewwelnett l-imputata kienet minorenni meta sar ir-reat u t-tieni li hija għenet sew lill-Pulizija tant li xehdet fil-proċeduri kontra Tarek. Għalhekk hija tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.

---

(d) Din iċ-ċirkostanza tal-forza barranija trid tkun neċessarjament gravi ħafna. Per eżempju, bniedem jiġi mhedded bil-mewt, b'pistola ma' rasu, jekk ma jagħmilx dak li ried jiġi mġiegħel jagħmel. Tista' tieħu forma ta' minaċċja jew theddid ta' mewt ta' xi ħadd tal-familja.li ssir lill-minaċċjat biex jiġi mġiegħel jagħmel xi ħaġa. Jekk f'xi każ teżisti l-possibilita' li b'xi mod dak it-thjeddid ikun newtrallizat, allura hu għandu l-ewwelnett japprofitta ruħu minn dik l-opportunita'. Jekk ma jaħgmilx hekk u jesegwixxi dak l-att, dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura r-responsabilita' krimianli tiegħu ma tkunx eskluża u la-rtikolu 33(b) ma japplikax.

Barra l-każ fil-paragrafu 37, il-Qorti qed tirreferi wkoll għall-każ 'Il-Pulizija versus Raymond Flattley u Rose Flattley' li tqajjem ukoll mid-difiża. F'dan il-każ il-Qorti kienet qalet hekk:

'Hu appena neċessarju jingħad li l-forza barranija imsemmija fl-artikolu 33(b) trid tkun tali li l-persuna soġġetta għal dik il-forza ma setgħetx tirreżisti għaliha jiġifieri trid tkun irreżistibbli u mhux sempliċiment mhux reżistita. Is-sempliċi fatt li junk hemm ordnijiet jew struzzjonijiet mogħtija minn persuna lil persuan oħra, anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu ngħataw b'insistenza jew b'determinazzjoni, ma jfissirx persuna li terċivihom tista' tinvoka l-artikolu 33(b) u teżimi ruħha mir-responsabilita' penali. Addirittura anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu akkumpanjati b'theddid , ma jfissirx neċessarjament li jkun hemm forza barranija irreżistibbli.'

Il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tenut kont ukoll li barra l-artikolu 37, l-imputata għandha tgawdi wkoll mill-artikolu 29 tal-Kap 101, jkun aktar idoneu li tapplika l-proviso li kien introdott fil-Kap 101 bl-Att XVI ta' l-2006 u għalhekk qed tikkundanna lill-imputata tħallas multa ta' mitejn lira Maltija (Lm200) pagabbli f'rati ta' għoxrin lira Maltija (Lm20) fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi parti mill-multa din tinbidel f'jum priġunerija għal kull Lm5 mhux imħallsin.

Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 minħabba li l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------